4.9 L-Artikolu 12 jiddefinixxi l-ħmieġ tal-annimali domestiċi bħala materjal tal-kategorija 2; għalhekk, għandu jintrema u jintuża skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20. Għandu jiġi speċifikat li l-ħmieġ tal-annimali domestiċi pproċessat għal finijiet ta' produzzjoni ta' enerġija oħra barra minn dik fl-impjanti tal-produzzjoni tal-biogass, m'għandux jiġi kkunsidrat bħala skart u għalhekk għandu jinħaraq ġewwa stallazzjonijiet tal-inċinerazzjoni approvati jew reġistrati.

Brussell, 22 ta' Ottubru 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (Riformulazzjoni)**

*COM(2008) 505 finali – 2008/0165 (COD)*

(2009/C 100/23)

Nhar it-30 ta' Settembru 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 95 li jistabbilixxi l-Komunità Ewropa, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (Riformulazzjoni)*

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li diġà ta fehmtu fl-opinjoni preċedenti tiegħu, adottata fit-2 ta' Diċembru 1998 (*), iddeċieda, matul l-448 sessjoni plenarja tiegħu tal-21, it-22 u t-23 ta' Ottubru 2008 (seduta tat-22 ta' Ottubru), b'119-il vot favur u astensjoni waħda, li jagħti opinjoni favoreveli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti imsemmija.

Brussell, 22 ta' Ottubru 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI

(*) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill (KEE) dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU C 40, 15.02.1999, p. 34).